IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013
SWD(2013) 243 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm tar-Riċerka u l-Iżvilupp li bosta Stati Membri jwettqu b'mod konġunt bil-għan li jappoġġjaw intrapriżi żgħar u medji li jirriċerkaw

{COM(2013) 493 final}
{SWD(2013) 242 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm tar-Riċerka u l-Iżvilupp li bosta Stati Membri jwettqu b'mod konġunt bil-għan li jappoġġjaw intrapriżi żgħar u medji li jirriċerkaw

Dan is-sommarju Eżekuttiv fih ir-riżultati u l-konklużjonijiet ewlenin tar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja l-Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Programm Konġunt Eurostars-2 (minn hawn 'il quddiem "Eurostars") għall-perjodu 2014-20.

Eurostars ġie stabbilit fl-2008 u jinvolvi l-Istati Membri kollha tal-UE u sitt pajjiżi assoċjati. Il-programm jappoġġja SMEs li jirriċerkaw u involuti fi proġetti kollaborattivi transnazzjonali. L-UE tipparteċipa fil-programm skont l-Artikolu 185 tat-TFUE (li qabel kien l-Artikolu 169 KE), b'kontribuzzjoni ġenerali ta' EUR 100 miljun, kontra EUR 300 miljun mill-pajjiżi parteċipanti. Il-programm inbena fuq l-Eureka[1], u s-segretarjat tal-Eureka hu l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata.

F'Ġunju 2012, il-Konferenza Ministerjali Eureka, fejn il-pajjiżi Eurostars attwali huma rrappreżentati, approvat dikjarazzjoni uffiċjali (id-dokument Budapest) li tafferma l-impenn tagħhom biex jappoġġjaw verżjoni msaħħa tal-programm Eurostars attwali għall-perjodu 2014-20. Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Eurostars titqies fundamentali biex jirnexxa l-programm u l-UE hi mistiedna tissieħeb fil-programm.

Il-projezzjonijiet attwali tal-baġit tal-Eurostars-2 għall-kontribuzzjonijiet mingħand pajjiżi parteċipanti fil-Eurostars, huma stmati EUR 861 miljun. Il-projezzjonijiet waqt it-tħejjija ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt jissejsu fuq impenji li li waslu għand ir-rappreżentanti tal-Eurostars minn 21 pajjiż (dawn jirrappreżentaw 88% tal-baġit), u stima għal 12-il pajjiż ieħor.

1. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

1.1. L-SMEs Ewropej — id-definizzjoni tal-problema u l-ħtieġa ta' intervent fil-livell tal-UE

It-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa jiddependu ferm fuq it-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi. Hu essenzjali li fl-UE jitrawmu t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi ħalli iktar SMEs Ewropej isiru kumpaniji innovattivi li dejjem jikbru.

Iżda l-Ewropa għadha frammentata ferm u b'wisq kompartimenti fejn jidħlu r-riċerka u l-innovazzjoni nazzjonali. Biex tiżdied il-kumplessità teknoloġika hemm bżonn aċċess ikbar għall-għarfien espert li ma jkunx disponibbli faċilment fil-fruntieri nazzjonali. Il-

[1] Eureka hu netwerk Ewropew Intergovernattiv, stabbilit bil-Konferenza tal-Ministri ta' 17-il pajjiż u l-Membri tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-1985, bl-għan li jappoġġja l-kollaborazzjoni tar-riċerka industrijali. Bħalissa dan fih 40 pajjiż membru u jappoġġja wkoll Proġetti individwali, Raggruppamenti u Umbrella apparti l-Eurostars.

kollaborazzjoni transnazzjonali fl-R&D taqdi rwol ewlieni biex lill-SMEs tagħtihom aċċess ikbar għas-swieq lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom. Għalhekk hu ċar li dan jeħtieġ l-intervent tal-UE.

Id-dritt tal-UE li taġixxi f'dan il-qasam hu stabbilit fl-Artikolu 185 tat-TFUE. Il-valur tal-kontribut tas-sħubiji pubbliċi-pubbliċi biex tinkiseb iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) hu rikonoxxut għax dan jgħin biex jallinja u jissinkronizza l-programmi nazzjonali. Il-Komunikazzjoni Orizzont 2020 tiddikjara wkoll li: "Se jissoktaw ukoll approċċi ta' sħubija abbażi tal-Artikoli 185 u 187 tat-Trattat".

1.2. It-tagħlimiet mill-programm Eurostars attwali

Fl-2010 saret evalwazzjoni interim. Din ikkonkludiet li: "Il-Eurostars hu programm tajjeb, li jilħaq l-għanijiet tiegħu u jżid il-valur lill-SMEs Ewropej li jagħmlu l-R&D." Saru wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jitwettqu fi żmien qasir u fit-tul ħalli jittejbu l-programm u l-impatt tiegħu. F'April 2011, il-Kummissjoni bagħtet ir-riżulati tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Skont l-aħħar dejta disponibbli, il-Programm Eurostars jidher programm attraenti għall-SMEs li jagħmlu l-R&D u biex joħloq effetti ekonomiċi pożittivi konsiderevoli għall-impriżi parteċipanti mil-lat ta' fatturat addizzjonali, impjiegi li nħolqu u prodotti, proċessi jew servizzi ġodda fis-suq.

1.3. Il-Eurostars-2 fil-kuntest tar-riċerka għall-SMEs u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Minn meta ġie stabbilit il-Eurostars fl-2008, kompla jiżdied l-appoġġ politiku għall-iskemi favur l-SMEs li jirriċerkaw u għall-istrumenti li jgħinu l-ERA.

Il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni (l-2011) tisħaq l-importanza li għandhom l-SMEs biex joħolqu t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, filwaqt li ssemmi b'mod espliċitu li għandhom jintużaw aktar is-sħubiji ma' aġenziji tal-Istati Membri, imsejsin fuq l-esperjenza tal-inizjattiva Eurostars. Għaldaqstant fil-proposta tagħha ta' Orizzont 2020, il-Kummissjoni inkludiet appoġġ għal programm dedikat għall-SMEs li jirriċerkaw, implimentat minn inizjattiva tal-Artikolu 185 tat-TFUE, imsejjes fuq il-Eurostars u ffukat mill-ġdid skont il-ħsibijiet fl-evalwazzjoni interim.

Flimkien ma' inizjattivi kumplimentari oħrajn, il-programm Eurostars se jkun parti mill-istrateġija integrata Orizzont 2020 li tappoġġja l-SMEs. Il-kumplimentarjetà bejn l-inizjattivi l-oħra ta' Orizzont 2020 tfisser li dawn ilkoll se jimmiraw biex jilħqu l-istess għan ġenerali, iżda kull waħda għandha l-karatteristiċi u l-gruppi fil-mira speċifiċi tagħha.

L-SMEs li jirriċerkaw u li jieħdu sehem fi proġetti mmexxija mill-R&D jistgħu jibqgħu jieħsu sehem fil-proġetti kollaborattivi aktar tradizzjonali ta' Orizzont 2020, u dan jissejjes fuq il-loġika tal-intervent ta' sfidi soċjetali u/jew żoni b'fokus speċifiċi.

L-SMEs li jieħdu sehem fi proġetti mmexxija mill-opportunità tas-suq, li juru livelli għoljin ta' rieda teknoloġika u li jkunu fl-aħħar stadju tal-attivitajiet tal-innovazzjoni, jistgħu jirċievu appoġġ mill-Istrument tal-SMEs il-ġdid u, jekk ikollhom bżonn ekwità u self biex itejbu r-riżultati tal-proġett għall-isfruttar kummerċjali, mill-istrumenti finanzjarji.

Billi jimmira b'mod speċifiku għal kollaborazzjoni transnazzjonali tal-SMEs li jirriċerkaw f'kull qasam, il-Eurostars-2 qiegħed b'mod strateġiku bejn il-miżuri msemmija hawn fuq.

Il-pożizzjoni strateġika ta' dawn l-istrumenti differenti tista' tiġi spjegata kif ġej:



Apparti l-miżuri l-oħra u b'differenza minnhom, il-Eurostars-2 jgħin biex il-programmi nazzjonali jingħaqdu u jkunu armonizzati.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Il-programm Eurostars ta' segwitu se jkollu bżonn kodeċiżjoni ġdida mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 185 tat-TFUE.

Il-programm se jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità peress li l-Istati Membri se jkunu responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-aspetti operattivi kollha. Ir-rwol tal-UE hu limitat li jagħti inċentivi għal koordinazzjoni aħjar tal-programmi parteċipanti u armonizzazzjoni tar-regoli u r-regolamenti għall-ġid tal-SMEs interessati f'attivitajiet transnazzjonali tal-R&D, u li jiżgura sinerġija ma' programmi kumplimentari oħrajn skont Orizzont 2020.

3. L-GĦANIJIET


L-għan ġenerali tal-inizjattiva hu li tistimola t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi billi tagħti spinta lill-kompetittività tal-SMEs li jirriċerkaw permezz ta' kollaborazzjoni transnazzjonali tal-R&D.

Biex jintlaħaq dan l-għan ġenerali, ġew stabbiliti żewġ għanijiet speċifiċi.

- Biex issir promozzjoni lir-riċerka transnazzjonali għall-SMEs li jirriċerkaw f'kull qasam, ħalli l-SMEs parteċipanti jdaħħlu fis-suq prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew imtejba.
- Biex jgħin ħalli titlesta l-ERA u jiżdiedu l-aċċessibbiltà, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-finanzjament pubbliku għall-SMEs li jirriċerkaw fl-Ewropa permezz ta' allinjament, armonizzazzjoni u sinkronizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament nazzjonali.

Biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi ta' hawn fuq, ġew identifikati ħames għanijiet operattivi (li ma jissemmewx).

Dawn ta' hawn taħt hu sommarju tal-problemi, l-għan ġenerali, l-għanijiet speċifiċi u l-għanijiet operattivi għall-Eurostars-2.



4. L-ALTERNATTIVI TAL-POLITIKA

Ġew ivvalutati fid-dettall dawn it-tliet alternattivi:

Alternattiva 1 — L-alternattiva tal-istatus quo (BAU), jiġifieri l-Programm Konġunt Eurostars attwali jissokta tul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-20) bl-istess format, modalitajiet tal-implimentazzjoni u baġit ġenerali li għandu bħalissa.

Alternattiva 2 — L-alternattiva żero (Żero), jiġifieri ma jsir l-ebda involviment tal-UE fil-Eurostars-2.

Alternattiva 3 — L-alternattiva tas-Sħubija Msaħħa.

L-Alternattiva 3 tfisser li l-Programm Konġunt Eurostars attwali jissokta fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss bħala inizjattiva tal-Artikolu 185 b'format aħjar imsejjes fuq implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet li saru fl-evalwazzjoni interim, aktar integrazzjoni u skala estiża.

Bħalma jħeġġu tant is-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri fl-Eureka bdew jittejbu billi jqassru l-ħin għall-kuntratt, jallinjaw aktar ir-regoli u l-proċessi tagħhom, l-amministrazzjoni tagħhom jagħmluha iktar effiċjenti u jżidu s-sinkronizzazzjoni u l-integrazzjoni. Sabiex iwessgħu l-programm u jappoġġjaw aktar SMEs intensivi fir-riċerka b'potenzjal ta' tkabbir, l-Istati Membri qed jaħsbu biex iżidu l-finanzjament tal-programm b'mod sostanzjali. Għaldaqstant, u biex tinċentiva u tappoġġja dan it-titjib, l-UE għandha żżid il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha skont dan.

5. ANALIŻI TAL-IMPATTI

5.1. L-impatt fuq il-piż amministrattiv u l-potenzjal għal simplifikazzjoni

Fil-prinċipju, kull alternattiva toffri l-potenzjal għal simplifikazzjoni. Iżda l-allinjament, l-armonizzazzjoni, u t-tibdil fil-proċeduri amministrattivi fihom kost inizjali. Il-programmi nazzjonali għandhom bżonn janalizzaw is-sistemi tagħhom u jbiddluhom fejn ikun meħtieġ. Għandhom jinbidlu r-regoli, ir-regolamenti u l-linji gwida attwali. Il-benefiċċju għall-SMEs hu ovvju mill-ewwel, iżda l-benefiċċju għall-amministrazzjonijiet jidher ftit ftit maż-żmien. Il-probabbiltà u l-intensità tal-bidla jiżdiedu waqt li jkunu qed jiżdiedu l-inċentivi perċepiti. F'dan is-sens, jista' jkun stmat li t-tnaqqis fil-piż amministrattiv u l-potenzjal għal simplifikazzjoni għall-benefiċċju tal-SMEs jiżdied mill-Alternattiva Żero għall-Alternattiva BAU iżda hu l-akbar fl-Alternattiva tas-Sħubija Msaħħa.

5.2. Il-massa kritika

Għalkemm l-Alternattiva BAU tħalli l-istess impatt mil-lat ta' massa kritika, l-ambitu u l-iskala attwali tagħha mhumiex biżżejjed. L-Istati Membri fl-Eureka diġà bdew iżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom skont il-programm attwali, iżda hemm nuqqas ta' inċentivi għall-programmi nazzjonali biex ikunu aktar effiċjenti u effettivi għax il-Kummissjoni ma tistax tqabbel dawn il-fondi addizzjonali.

L-Alternattiva Żero għandha inqas ċans tikseb massa kritika, iżda aktar importantiminn hekk, l-UE mhux se tkun tista' tikkontribwixxi biżżejjed biex iżżid l-effiċjenza u l-effettività, kif jissemma hawn fuq.

L-Alternattiva tas-Sħubija Msaħħa tikkontribwixxi b'mod konsiderevoli aktar mill-BAU biex tinkiseb il-massa kritika li l-programm jeħtieġ biex iħalli l-impatti mixtieqa. Din tħeġġeġ aktar r-rati ta' suċċess għall-benefiċjarji potenzjali.

5.3. L-effett ta' ingranaġġ

5.3.1. L-Alternattiva tal-istatus quo (BAU)

Jekk il-pajjiżi parteċipanti fl-Eureka jipprovdu l-istess baġit annwali għall-perjodu 2014-20 bħalma għamlu għall-2008-13, il-fondi nazzjonali li jingabru jkunu madwar EUR 300 miljun, u allura l-baġit totali tal-finanzjament pubbliku jkun EUR 400 miljun għall-perjodu ta' seba' snin 2014-20. Il-kontribuzzjoni tal-UE tammonta għal 25 % tal-fondi pubbliċi totali, bħalma kienet fil-baġit oriġinali tal-Eurostars-1.

Skont l-Alternattiva BAU, madwar 1 560 prodott, proċess jew servizz ġdid jew imtejjeb se jkunu fis-suq (tliet snin wara t-tmiem ta' kull proġett). Din hi stima approssimattiva peress li m'hemmx rabta diretta bejn il-livell ta' finanzjament u r-riżultati/impatt tal-proġett.

5.3.2. L-Alternattiva Żero

L-impatt fuq l-investimenti ġenerali fl-R&D ikun aktar baxx minn dak tal-Alternattiva BAU. Għaldaqstant, l-impatt potenzjali mil-lat ta' tkabbir ekonomiku, impjiegi u kompetittività jkun żgħir, jew forsi anke ma jkunx hemm.

5.3.3. L-Alternattiva tas-Sħubija Msaħħa

Sa minn nofs Jannar 2013, l-Istati Membri fl-Eureka stmaw id-dispożizzjonijiet baġitarji tagħhom għall-perjodu 2014-20 għal EUR 861 miljun. Jekk il-Kummissjoni żżomm il-kontribuzzjoni attwali tagħha ta' 25 % tal-fondi pubbliċi ġenerali, il-kontribuzzjoni tal-UE

tkun EUR 287 miljun[2], u allura l-finanzjament pubbliku totali għall-Eurostars-2 għall-perjodu 2014-2020 ikun EUR 1,147 biljun.

Il-finanzjament pubbliku ġenerali investit fil-proġetti Eurostars hu mistenni jiġġenera finanzjament privat ta' madwar EUR 1.4 biljun. Il-finanzjament totali (pubbliku u privat) ikun aktar minn EUR 2,5 biljun.

L-impatti tal-Alternattiva tas-Sħubija Msaħħa, meta mqabbla mal-Alternattiva BAU, ikunu ogħla f'żewġ aspetti:

- L-impatti mil-lat ta' żieda fl-investiment fl-R&D u fl-għadd ta' impjiegi ġodda u t-tkabbir li jsir fl-SMEs parteċipanti.
- L-impatti mil-lat ta' ġbir tal-fondi tal-pajjiżi tal-pajjiżi parteċipanti fil-Eurostars, l-integrazzjoni xjentifika, finanzjarja u ta' ġestjoni, u s-sinkronizzazzjoni tal-finanzjament nazzjonali u għalhekk il-kontribuzzjoni tagħhom għall-ERA.

Għal finijiet indikattivi, jekk ikun hemm l-istess rabta bejn il-finanzjament u l-impatt esperjenzat bħalissa fil-Eurostars-1, il-fatturat fl-SMEs parteċipanti jista' jkun mistenni li se jiżdied b'madwar EUR 12 biljun u b'madwar 30 000 impjieg ġdid (EUR 10 miljun iżjed fatturat u 25 impjieg ġdid għal kull EUR 1 miljun finanzjament pubbliku, tliet snin wara t-tmiem ta' kull proġett). Kemm għall-fatturat kif ukoll għall-impjiegi, dan huwa kważi tliet darbiet aktar minn dak tal-Alternattiva BAU. Barra minn hekk, madwar 4 500 prodott, proċess jew servizz ġdid jew imtejjeb jistgħu jkunu fis-suq (tliet snin wara t-tmiem ta' kull proġett).

5.4. L-impatt tal-innovazzjoni

Kull alternattiva tħalli impatt fuq l-innovazzjoni. Programm dedikat akbar kif tiddeskrivi l-Alternattiva 3 jwassal għal aktar innovazzjonijiet u jkollu impatt ekonomiku akbar, b'mod partikolari fejn tidħol il-kompetittività tal-SMEs Ewropej.

5.5. L-impatt ekonomiku

L-Alternattiva 3 tiġġenera benefiċċji sostanzjali għall-ekonomija Ewropea, pereżempju ssaħħaħ l-industrija Ewropea fis-suq globali, toħloq impjiegi ġodda u tgħin biex tingħata spinta lill-PDG Ewropew. B'mod partikolari, it-teknoloġiji żviluppati fil-qafas tal-programm Eurostars jgħinu biex l-industrija Ewropea żżomm il-kompetittività tagħha.

5.6. L-impatt soċjali

L-impatti soċjali għandhom x'jaqsmu l-aktar mas-swieq tal-impjiegi u x-xogħol, mil-lat ta' ħolqien ta' impjiegi b'ħiliet għoljin, u amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti, b'mod partikolari li jonqos il-piż amministrattiv għall-SMEs. Barra minn hekk, hu ċar li l-għarfien u s-soluzzjonijiet innovattivi li joħorġu mill-proġetti Eurostars qed jgħinu biex jiżdied il-benessri soċjoekonomiku. Mill-ġdid, l-Alternattiva 3 għandha ċ-ċans tħalli l-ikbar impatt.

[2] Peress li l-baġit finali mill-pajjiżi tal-Eurostars għadu mhux definittiv, il-kontribuzzjoni tal-UE qed tintwera b'referenza għall-informazzjoni li taw il-pajjiżi Eurostars f'Jannar 2013.

6. INQABBLU L-ALTERNATTIVI

6.1. It-tqabbil tal-alternattivi

L-alternattiva / Il-kriterji	L-Alternattiva tal-Istatus Quo (BAU) (Alternattiva 1) *Linja ta' referenza*	L-Alternattiva Żero (Alternattiva 2)	L-Alternattiva tas-Sħubija Msaħħa (Alternattiva 3)
L-effettività			
Il-massa kritika	=	-/=	+
L-impatt fuq l-SMEs	=	-/=	+
L-effett ta' ingranaġġ	=	-/=	+
L-impatt tal-innovazzjoni	=	-/=	+
L-impatt ekonomiku	=	-/=	+
L-impatt soċjali	=	=/-	+
Inqas piż amministrattiv fuq l-SMEs	=	-/=	+
L-aqwa prattiċi u t-tagħlim reċiproku tal-programmi nazzjonali	=	=/-	+

\- = +

Ta' żvantaġġ meta mqabbel mar-referenza | L-istess impatt bħar-referenza | Ta' benefiċċju meta mqabbel mar-referenza

6.2. L-għażla ppreferuta

Skont din il-valutazzjoni, l-Alternattiva tas-Sħubija Msaħħa tipprovdi l-aqwa mezz biex jintlaħqu l-għanijiet definiti. Barra minn hekk, din toħloq sinerġija pożittiva ħafna ma' programmi oħra relatati mal-SMEs f'Orizzont 2020 u tista' tibni fuq il-kisbiet u l-esperjenza miksuba fil-Eurostars-1.

L-Alternattiva 3 toħloq livell ogħla ta' integrazzjoni u armonizzazzjoni tal-programmi nazzjonali bil-benefiċċju miżjud ċar li jonqos il-piż amministrattiv għall-SMEs għax jiġu kondiviżi l-aqwa prattiċi u t-tagħlim reċiproku. Dawn ikunu aspetti espliċiti integrati fil-programm.

Din tgħin biex jingħelbu d-diffikultajiet tas-suq li jiltaqgħu magħhom l-SMEs meta jippruvaw jinnovaw u jidħlu jew jiżviluppaw swieq ġodda.

Din tgħin biex ir-riċerka prekompetittiva toqrob lejn is-suq billi teknoloġiji ġodda jidħlu fis-suq aktar malajr. Barra minn hekk, fis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali, l-investiment fit-teknoloġija jsir ferm aktar bżonjuż għat-tkabbir u l-kompetittività.

Din kienet l-għażla ppreferuta skont ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati.

Bħalissa hu stmat li l-kontribuzzjoni tal-Istati Membri fl-Eureka għall-Eurostars-2 tkun EUR 861 miljun. Kif mistenni, l-ixprun li jimbotta dan l-impenn finanzjarju, b'mod partikolari fil-perjodu attwali ta' fondi pubbliċi skarsi u tnaqqis fl-infiq fl-R&D minn bosta Stati Membri, ġej mill-aspettattiva ta' intervent daqstant ambizzjuż mill-UE.

7. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

L-impatt tal-Eurostars bħala programm għandu jkun sorveljat billi tiġi vvalutata ż-żieda fil-fatturat totali għall-organizzazzjonijiet parteċipanti tliet snin wara tmiem il-programm. Indikaturi oħra tar-riżultati huma l-ħolqien tal-impjiegi, l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti, proċessi u servizzi ġodda u l-ġenerazzjoni tal-għarfien. Billi dawn jiffokaw l-aktar fuq l-impatt wara tmiem il-proġetti (normalment tliet snin wara), dawn l-indikaturi se jinġabru sistematikament mill-bidu nett.

Tliet snin wara l-bidu tal-programm esperti indipendenti se jagħmlu evalwazzjoni interim tal-Eurostars-2. L-evalwazzjoni se tkun tkopri l-kriterji identifikati fil-proposta għal Orizzont 2020 biex jiġu vvalutati inizjattivi potenzjali skont l-Artikolu 185. Il-Kummissjoni trid tibgħat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Fl-aħħar tal-parteċipazzjoni tal-UE fil-programm, u mhux iktar tard mill-2023, se ssir evalwazzjoni *ex-post* indipendenti li tirrevedi l-prestazzjoni, il-kwalità u l-impatt tal-programm Eurostars u tal-proġetti Eurostars.